MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Frar, 2021

Appell Numru 88/2018 LM

**Nicholas Farrugia (K.I. Numru 319260M)**

***vs***

**Paula Jean Vella (K.I. Numru 6159A)**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma żewġ appelli magħmulin wieħed mir-rikorrent **Nicholas Farrugia (K.I. nru 319260M)** [minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"], u l-ieħor mill-intimata **Paula Jean Vella (K.I. nru 6159A)** [minn issa 'l quddiem "l-intimata"], minn lodo arbitrali numru M3983/2014 mogħti fis-26 ta' Lulju, 2018, [minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali"], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn

issa 'l quddiem "it-Tribunal"] fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem "iċ-Ċentru", li permezz tiegħu ddeċida t-talba tar-rikorrent kif ġej:

> *"... billi tilqa' in parte t-talbiet tar-rikorrenti kif avvanzati fl-Avviz tal-Arbitraġġ datat 14 ta' April 2014, b'dan li filwaqt li tiddikjara lil intimata Paul Jean Vella parzjalment responsabbli għall-incident mertu ta' dawn il-proċeduri, qiegħda tikkundanna lill-intimata Paula Jean Vella jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u tmienja u tletin euro, u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Euro 238.95ċ).*
>
> *Rigward l-ispejjeż relatati ma' dan l-Arbitraġġ, kull parti għandha terfa' l-ispejjeż rispettivi tagħha."*

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem "l-inċident"] li seħħ fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, fl-1 ta' Ottubru, 2013, bejn il-vettura tal-għamla *Fiat Punto* bin-numru ta' reġistrazzjoni PJV 001, misjuqa mill-intimata, u l-vettura tal-għamla *Daewoo Racer bin*-numru ta' reġistrazzjoni JBQ 617, misjuqa mir-rikorrent.

## Mertu

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri ta' arbitraġġ quddiem it-Tribunal permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Dikjarazzjoni ppreżentati fl-14 ta' April, 2014, fejn talab sabiex: (a) l-intimata tiġi ddikjarata unikament responsabbli għad-danni riżultanti mill-inċident inkwistjoni; (b) jiġu likwidati d-danni sofferti minnu fl-ammont ta' €477.90; u (ċ) l-intimata tiġi kkundannata tħallas dan l-

ammont rappreżentanti danni, oltre l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-27 ta' Jannar, 2014 u l-imgħaxijiet mis-27 ta' Jannar, 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

4. L-intimata wieġbet permezz ta' Dikjarazzjoni ppreżentata fit-Tribunal fl-24 ta' April, 2014, fejn issottomettiet li hija kellha tiġi meħlusa mir-responsabbilità għall-inċident, u għalhekk lanqas ma kienet responsabbli għad-danni li sofra r-rikorrent minħabba ħsara fil-vettura tiegħu.

**<u>Il-lodo arbitrali</u>**

5. Fis-26 ta' Lulju, 2018 l-Arbitru laqgħet parzjalment it-talbiet tar-rikorrent wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *"**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>***
>
> *Illi minn analiżi tax-xhieda u tad-dokumentazzjoni prodotta mill-partijiet fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, hija l-fehma kunsidrata tal-Arbitru li entrambi l-partijiet għandhom nuqqasijiet li kkontribwew għall-inċident. Filwaqt li Paula Jean Vella bil-manuvra li għamlet ma urietx id-diliġenza neċessarja sabiex hija iddur fi Triq il-Majjistral, Nicholas Farrugia ma kienx f'posizzjoni li jevita l-inċident meta iffaċċjat bil-manuvra li wettqet ix-xufiera l-oħra. Dan premess, entrambi l-partijiet għandhom jerfgħu r-responsabbilità għan-nuqqasijiet rispettivi tagħhom.*
>
> *Għaldaqstant, in vista tas-suespost hija l-fehma kunsidrata tal-Arbitru li l-partijiet għandhom jinżammu ugwalment responsabbli għall-inċident mertu ta' dan l-Arbitraġġ."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Ir-rikorrent ħass ruħu aggravat bil-lodo arbitrali u interpona appell fid-9 ta' Awwissu, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"... jogħġobha tilqa' dan l-appell u filwaqt illi tikkonferma l-parti tad-deċiżjoni arbitrali mogħtija fis-26 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet premessi fejn l-Arbitru laqgħet parzjalment it-talbiet tal-appellant, tirriforma l-istess deċiżjoni appellata fejn ġiet attribwita parti mir-responsabbiltà tal-akkadut (fil-grad ta' 50%) lill-imsemmi appellant u minflok tiddikjara lill-intimata-appellata unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-proċeduri odjerni u għaldaqstant tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet kollha mressqa mill-appellant fl-intier tagħhom u għalhekk tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata-appellata, u konsegwentement tikkundanna lill-istess intimata-appellata tħallas lill-appellant id-danni totali minnu subiti, ammontanti għas-somma komplessiva ta' erba' mija sebgħa u sebgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€477.90), bl-imgħax legali b'effett mis-27 ta' Jannar 2014 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimata-appellata."*

7. L-aggravju ewlieni tar-rikorrent huwa li peress li ma kien jirriżulta l-ebda aġir negliġenti min-naħa tiegħu, it-Tribunal kellu jasal sabiex jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni tal-intimata u jilqa' t-talbiet tiegħu.

**<u>Ir-Risposta</u>**

8. L-intimata wieġbet fis-6 ta' Frar, 2020, permezz tal-preżentata ta' risposta fejn filwaqt li pprevalixxiet ruħha mill-appell prinċipali tal-appellant sabiex interponiet appell inċidentali, qiegħda titlob dan li ġej minn din il-Qorti:

> *"...tiċħad l-appell prinċipali mressaq mir-rikorrent appellant Nicholas Farrugia, u tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ datata sitta u*

*għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fl-ismijiet premessi fejn laqgħet parzjalment l-eċċezzjonijiet tal-intimata appellata, permezz ta' liema l-attur rikorrent ġie attribwit nofs (50%) ir-responsabblità għall-inċident awtomobilistiku li seħħ bejn il-partijiet nhar l-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013), tirriforma l-istess deċiżjoni appellata fil-parti li fiha ġiet attribwita nofs (50%) ir-responsabbiltà għall-inċident awtomobilistiku lill-intimata appellata u minflok tiddikjara lir-rikorrenti appellant unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-proċeduri odjerni u għaldaqstant tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-intimata appellata fl-intier tagħhom, u għalhekk tiċħad l-aggravji tar-rikorrent appellant, u dan kollu taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhirla xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellant."*

9. Dawn huma l-aggravji tal-intimata: (a) it-tort għandu jintrefa' mill-vettura ta' wara; (b) ir-rikorrent kien qed juża veloċità eċċessiva, u ma kienx qed iżomm id-distanza jew ma kienx attent; (ċ) l-intimata m'għandhiex twieġeb għall-ħsara li ma kkawżatx; u (d) ma kien hemm l-ebda skużanti.

**Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali**

10. Ir-rikorrent wieġeb għall-appell inċidentali billi ssottometta li l-aggravji mressqa mill-intimata ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa, u għalhekk l-appell inċidentali tagħha għandu jiġi miċħud.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

11. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-partijiet fid-dawl tal-lodo arbitrali.

12. Ir-rikorrent qed jgħid li jħoss ruħu aggravat bil-lodo arbitrali peress li ma jirriżulta l-ebda aġir negliġenti min-naħa tiegħu, u ċertament ma jistax jinstab responsabbli għall-manuvra evażiva tiegħu kkawżata mill-intimata stess. Jissottometti li ma kienx sew li ġiet attribwita lilu parti mill-ħtija għaliex *"ma kienx f'pożizzjoni li jevita l-inċident meta iffaċċjat bil-manurvra li wettqet ix-xufiera l-oħra",* għaliex huwa kien sab ruħu f'stat ta' emerġenza maħluqa mill-intimata hekk kif kien fi triqtu għad-dritt u hija qabdet u ħarġet mill-*parking bay* sabiex daret mill-ewwel għal Triq il-Majjistral. Jgħid li din kienet il-verżjoni li huwa kien ta *a tempo vergine* lill-gwardjani tat-traffiku, u l-intimata stess ammettiet li kienet qabdet u ħarġet fit-triq prinċipali, iżda qatt ma rat lill-vettura tiegħu. Ir-rikorrent isostni li l-verżjoni tiegħu hija waħda aktar verosimili minn dik tal-intimata u jissottometti li skont il-ġurisprudenza tagħna, sewwieq li jkun ġie maħsud bil-manuvra ta' vettura oħra li tkun invadietlu l-karreġġjata tiegħu, huwa eżonerat minn kull responsabbilità, sakemm ma jiġix ippruvat li kien hemm kontributorjetà da parti tiegħu għall-inċident. Filwaqt li r-rikorrent iċċita ampjament minn diversi sentenzi tal-qrati tagħna in sostenn tal-argument tiegħu, sostna li mill-provi ma kienx jirriżulta li huwa b'xi mod kien negliġenti għall-inċident, bħal pereżempju minħabba veloċità eċċessiva.

13. L-intimata tilqa' billi tgħid li l-aggravji tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih. Tissottometti li dik il-parti tal-lodo arbitrali fejn ir-rikorrent ukoll instab ħati għall-inċident inkwistjoni, kienet ġusta u ekwa, u għalhekk kienet timmerita konferma. L-intimata ssostni li ma kien eżista l-ebda stat ta' emerġenza kif allegat mir-rikorrent, għaliex hija kienet diġà ħarġet fid-dritta tat-triq u saqet

ukoll ftit metri, filwaqt li r-rikorrent kien għaddej b'veloċità qawwija, ma kienx qed iżomm id-distanza mill-vettura ta' quddiemu, u lanqas ma kien attent għat-triq. Tirrileva li l-gwardjan tat-traffiku kien ikkonferma li l-vettura tar-rikorrent kienet ħalliet 14.2m tul ta' *brakemarks,* xhieda tal-ħtija tiegħu. Dawn is-sottomissjonijiet tal-intimata huma ripetuti u spjegati ampjament fl-aggravji tagħha, anki billi tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza. Għalhekk filwaqt li l-intimata ssostni li mhux ippruvat li l-ħsara ġrat bi ħtija tagħha, anzi kien irriżulta biċ-ċar li hija kienet użat il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb mistenni minnha hekk kif ħarġet mill-*parking space* skont ir-regolament 149 *et seq.* tal-*Highway Code*, tgħid li hija ma tistax twieġeb għall-ħsara fuq il-vettura tar-rikorrent. Tgħid li skont il-ġurisprudenza tagħna, għandhom jikkonkorru tliet elementi sabiex tinstab il-ħtija għar-riżarċiment tad-dannu, 1) il-fatt tad-dannus illeċitu; 2) l-imputabilità tal-istess fatt għal min ikun għamlu; 3) id-dannu kkaġunat minn dak l-istess fatt, u tiċċita minn sentenza tal-Qorti tal-Appell[1] in sostenn ta' dan. L-intimata ssostni wkoll li ma kien eżista l-ebda stat ta' emerġenza kif allegat. Tirrileva li bi ksur ċar tar-regolamenti tar-regolamenti 184, 185 u 265 tal-*Highway Code*, ir-rikorrent kien ittenta jaqbeż il-vettura tagħha stante li skont hu, hija kienet qiegħda ssuq bil-mod, u r-rikorrent missu ma kienx għaddej b'veloċità li biha ma setax jieqaf ħesrem, u li ma kellux kontroll fuq il-vettura, anki hekk kif kien ftit metri 'l bogħod minn *zebra crossing*. Tirrileva li jekk verament kien hemm xi nuqqas da parti tagħha, il-Qrati tagħna dejjem irritenew li l-imperfezzjonijiet fir-regolamenti tas-sewqan m'għandhomx jinċidu fuq il-ħtija, iżda jinċidu biss il-fatturi rilevanti. L-intimata għalqet is-sottomissjonijiet tagħha billi għamlet riferiment għal dak li

[1] G. Thomas Davidson *vs.* J.Azzopardi, 02.03.1962.

qalet il-Prim' Awla, Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha **Thake noe *vs.* Newell**, deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1994.

14. Fit-tweġiba tiegħu għall-appell inċidentali tal-intimata, ir-rikorrent jissottometti li: (a) l-vertenza odjerna ma kinitx tirrigwarda kolliżjoni ta' żewġ vetturi li kienu qegħdin jinstaqu wara xulxin; (b) l-inċident seħħ riżultat ta' manuvra ażżardata tagħha fejn hija ħarġet minn pożizzjoni parkeġġjata mingħajr ma ħadet il-kawteli neċessarji; (ċ) sewwieq li jsib ruħu rinfaċċjat minn invażjoni fil-karreġġjata tiegħu, għandu jkun eżonerat mir-responsabbiltà sakemm ma tintweriex kontributorjetà; (d) l-intimata kienet ħolqot stat ta' emerġenza imprevedibbli u li rendiet kwalunkwe azzjoni evażiva impossibbli; u (e) il-manuvra tiegħu ma kinitx waħda ta' sorpass, imma waħda intiża sabiex tiġi evitata kolliżjoni.

15. Il-Qorti filwaqt li tgħid li ma taqbilx mal-konklużjoni tat-Tribunal, issib ukoll li fil-lodo arbitrali dan naqas li jagħti motivazzjoni suffiċjenti u xierqa għad-deċiżjoni tiegħu. Hekk kif it-Tribunal iddikjara li l-partijiet naqsu t-tnejn li huma u rrileva li *"filwaqt li Paula Jean Vella bil-manuvra li għamlet ma wrietx id-diliġenza neċessarja sabiex hija iddur fi Triq il-Majjistral, Nicholas Farrugia ma kienx f'pożizzjoni li jevita l-inċident meta iffaċċjat bil-manuvra li wettqet ix-xufiera l-oħra",* ma spjegax b'liema mod l-intimata ma kinitx uriet id-diliġenza neċessarja u lanqas għaliex ir-rikorrent ma kienx f'pożizzjoni li jevita l-inċident inkwistjoni.

16. Kif jixhed it-*Traffic Accident Report, a tempo vergine* r-rikorrent qal li meta hu *"tela' min Triq il-Qaliet il-vettura PJV001 kienet ipparkjata ħarġet fin-*

*nofs u qasmet minn quddiemi biex tidħol għal ġo Triq il-Majjistral",* filwaqt li l-intimata qalet *"I was parked, I indicated out and I got out where I was parked, to go to Triq il-Majjistral and then I felt a hit on my back, and I lose control".* Minn dawn iż-żewġ verżjonijiet ta' kif seħħ l-inċident, il-Qorti tosserva dawn il-fatturi mportanti:

a. ir-rikorrent ra li l-vettura tal-intimata kienet ipparkeġġjata;

b. l-intimata mill-ewwel ħarġet lejn in-nofs tat-triq biex iddur lejn Triq il-Majjistral; u

c. l-intimata xegħelet l-*indicator*.

17. Il-Qorti tista' tifhem ukoll minn dawn il-verżjonijiet li r-rikorrent kellu l-ħin biex jara li l-vettura tal-intimata kienet ipparkeġġjata, imma l-imsemmija intimata ma tgħidx li kienet rat lir-rikorrent fit-triq. Meta xehdet waqt is-seduta tal-10 ta' Ġunju, 2015, l-intimata mbagħad qalet hekk: *"... the road was completely clear. I put on the indicator, the road was clear, and I drove out ... I didn't see him, I didn't hear him ... Triq il-Qaliet is a straight long road, and there are no obstructions to vision ... I confirm that prior to pulling out of the parking space, I didn't see any cars coming in either direction ... I did not hear screeching of brakes"* Min-naħa tiegħu r-rikorrent xehed li *"waqt li jiena kont tiela', ħarġet karozza mill-parking, liema karozza kienet fuq in-naħa tax-xellug tiegħi. Din il-karozza ħarġet u qasmet it-triq. Meta l-karozza għamlet din il-manuvra, jiena kont madwar tul ta' karozza u nofs jew żewġ karozzi 'l bogħod minnha ... Niċħad li jiena kont ħallejt xi brakemarks fit-triq".* Il-Qorti tqis dak li qal ir-rikorrent, jiġifieri li huwa kien biss madwar tul ta' karozza u nofs jew

żewġ karozzi 'l bogħod meta l-intimata għamlet il-manuvra tagħha. Tgħid li meħud inkonsiderazzjoni wkoll dak li saħansitra tikkonferma l-intimata, jiġifieri li Triq il-Qaliet hija triq dritta u twila, ma jistax jitwemmen li l-intimata kienet ħarset sew fit-triq warajha u li t-triq kienet vojta. Huwa aktar verosimili li hija kienet naqset milli tħares, jew forsi tħares sew, hekk kif hija kienet ser tittenta toħroġ fit-triq, u b'hekk kienet negligenti fis-sewqan tagħha b'mod li fixklet lis-sewwieq fit-triq prinċipali u ħolqot periklu serju għalih u anki għal sewwieqa oħra.[2] Ikun inutli li sewwieq jixgħel l-*indicators,* kif tixhed l-intimata, u jagħti titwila jekk hemmx vetturi oħra ġejjin minn warajh qabel ma joħroġ fit-triq prinċipali, jekk ma jaċċertax ruħu li mhux ser ifixkel b'xi mod lil sewwieq fit-triq prinċipali. Tali sewwieq ma jista' jagħmel l-ebda tentattiv u ma jista' jieħu l-ebda riskju sabiex joħroġ għal ġot-triq prinċipali mingħajr ma jkollu s-serħan assolut tal-moħħ li mhux ser ikun ta' periklu għal ħaddieħor. Imma fil-każ odjern, mhux biss l-intimata kienet ħarġet fit-triq prinċipali billi ħasdet lill-*main-road user* u ostakolat il-passaġġ tiegħu bl-aktar mod imprudenti u mingħajr ma osservat ir-regolamenti tat-traffiku, imma jidher ukoll mill-iskizz, li wara li mxiet tul ta' bilkemm żewġ vetturi, hija kisret għal fuq il-lemin, biex b'hekk kull tentattiv tar-rikorrent sabiex jevita l-inċident kien wieħed inutli. Il-Qorti tgħid ukoll li fiċ-ċirkostanzi ma tistax tirnexxi d-difiża tal-intimata li r-rikorrent ma kienx żamm id-distanza mill-vettura tagħha, u li lanqas ma kien attent għat-triq quddiemu. Kull waħda miż-żewġ manuvri imprudenti tal-intimata ħasditu, u dan f'distanza tant qasira li ma ħallietu l-ebda possibilità li jevita l-inċident inkwistjoni b'suċċess. L-intimata tissuġġerixxi li r-rikorrent kien saħansitra qed jagħmel manuvra ta' sorpass, liema manuvra hija projbita

[2] Ara App.Inf. Dottor Remigio Zammit Pace noe et vs. Carmen Grima, 16.05.97.

għaliex kienet qiegħda ssir ftit metri 'l bogħod minn *zebra crossing* u għalhekk bi ksur tar-regolament 184 tal-*Highway Code.* Tissottometti wkoll li tali manuvra kienet bi ksur ukoll tar-regolament 185. Il-Qorti tirrileva li ma jirriżultax li r-rikorrent kien qed jagħmel manuvra ta' sorpass, imma l-manuvra tiegħu kienet waħda intiża sabiex jevita li jolqot il-vettura tal-intimata.

18. L-intimata tittenta tixħet it-tort għall-akkadut, jew parti minnu, fuq ir-rikorrent, billi tallega li huwa kien qed isuq b'veloċità eċċessiva. Imma skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna[3] huwa biss fejn il-veloċità eċċessiva tkun il-kawża tal-inċident inkwistjoni li s-sewwieq jitgħabba bir-responsabbilità tal-inċident. Fil-każ odjern minn imkien ma jirriżulta li r-rikorrent kien qed isuq b'veloċità eċċessiva, u anki l-intimata fix-xhieda tagħha ma kellha xejn xi tgħid f'dan ir-rigward. Imma l-Qorti tqis li l-ħsara mhux daqstant estensiva fil-vetturi tal-partijiet, tindika li ma kien hemm l-ebda veloċità eċċessiva min-naħa tar-rikorrent. L-iskizz jindika marki tal-brejkijiet li skont Warden 409 Christopher Cutajar[4] kienu jaslu sal-vettura tar-rikorrent. Imma dan tal-aħħar fix-xhieda tiegħu fuq ċitata, jinnega li dawk il-marki kienu tal-vettura tiegħu u l-intimata stess tiddikjara fix-xhieda tagħha suċitata, li ma kienet semgħet l-ebda twerżiq ta' brejkijiet. Għalhekk ma tirriżulta l-ebda kontributorjetà min-naħa tar-rikorrent.

19. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravju tar-rikorrent huwa ġustifikat u għandu jintlaqa', filwaqt li l-aggravji tal-intimata ma jirriżultawx ġustifikati u għalhekk tiċħadhom.

---

[3] *Ibid.*
[4] Seduta tat-28.10.15.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell inċidentali tal-intimata billi tiċħdu u tiddeċiedi l-appell tar-rikorrent billi tikkonferma dik il-parti tal-lodo arbitrali fejn it-Tribunal laqa' parzjalment it-talbiet tiegħu, tirriforma l-istess lodo arbitrali fejn ġiet attribwita parti mir-responsabbiltà tal-inċident lir-rikorrent, u minflok tiddikjara lill-intimata unikament responsabbli għall-inċident, u b'hekk tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata u tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrent danni ammontanti fis-somma komplessiva ta' erba' mija u sebgħa u sebgħin Euro u disgħin ċenteżmu (€477.90), bl-imgħax legali jiddekorri mis-27 ta' Jannar, 2014, sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati mill-intimata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**